Minuti tal-ewwel (1) laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi, li nzammet nhar it-Tlieta, 2 ta' Lulju 2024 fil-5.30pm fil-Bini Amministrattiv tal-Kunsill fi 7, Triq il-Knisja, il-Qrendi.

| | | |
|---|---|---|
| Prezenti: | Sur David Michael Schembri | Kunsillier Anzjan |
| | Sa Anthea Sacco | Kunsillier |
| | Sa Nina Skye Briffa | Kunsillier |
| | Sur Karmenu Farrugia | Kunsillier |
| | Sa Marion Parnis | Kunsillier |
| | Sur Anthony Bonello | Deputat Segretarju Ezekuttiv |
| Uffiċjali: | Sur Sandro Azzopardi | President tar-Reġjun |
| | Sa Anna Mallia | Kummissarju tal-Ġustizzja |
| | Sur Charles Zerafa | Eks-Kunsillier |
| | Sa Daniela Farrugia | Bint l-Eks Kunsillier (Sur Daniel Farrugia) |

01.01 **Qari tal-itti ta' apoloġija** — Ittri ta' apoloġija

Ma kienx hemm.

Presedenza

Il-laqgħa kienet preseduta mil-kunsillier anzjan, is-Sur David Michael Schembri li aktar tard kien maħtur Sindku mil-ġdid.

01.02 **Ħatra ta' Sindku u Viċi Sindku** — Sindku u Viċi Sindku

Il-Kummissarju tal-Ġustizzja tat-il-ġurament lis-Sur David Michael Schembri bħala Sindku u lis-Sa Anthea Sacco bħala Viċi Sindku, filwaqt li dawn iffirmaw l-aċċettazzjoni tal-kariga tagħhom u għaddewha lid-Deputat Segretarju. Il-Kummissarju tal-Ġustizzja awgurat il-ħidma t-tajba kemm lis-Sindku, s-Sur David Michael Schembri, lid-Viċi Sindku, is-Sa Anthea Sacco, kif ukoll lill-kunsillieri. Hija telqet mil-kamra fis-6.15pm.

Rikonoxximent

Il-laqgħa issuktat billi s-Sindku, s-Sur David Michael Schembri ta memento lis-Sur Charles Zerafa, l-eks kunsillier li serva għal numru ta' snin u lis-Sa Daniela Farrugia, t-tifla tas-Sur Daniel Farrugia, Eks Kunsillier, u eks Sindku, li wkoll serva għal numru ta' snin, filwaqt li rringrazzja wkoll lill-eks Viċi Sindku, is-Sur Patrick Bugeja *(in absentia)* tal-ħidma tagħhom.

Dekasteri

Is-Sindku, is-Sur David Michael Schembri qal illi jixtieq jiltaqa' mal-kunsillieri individwalment sabiex jiddiskuti magħhom dwar ir-responsabbilitajiet biex jintlaħaq ftehim dwar id-dekasteri.

Xogħlijiet mil-leġislatura preċedenti

Barraminhekk, issemmew ix-xogħlijiet li jridu jsiru li bdew mil-leġislatura preċedenti. Fosthom ix-xogħlijiet tal-*finishings* taċ-Ċentru Ċiviku li kien hemm il-proposta li din il-binja tissemma' għall-eks Sindku, il-mibki Sur Karmenu Falzon, l-evalwazzjoni tal-kuntratt tal-play equipment u s-safety flooring tal-bandli, l-intervisti għall-ħatra ta' Segretarju Ezekuttiv u dik ta' Skrivan, il-kuntratt tal-Avukat u l-evalwazzjoni tal-kuntratt tal-bulky refuse. F'dan l-istadju intlaħaq ftehim biex l-evalwaturi jibqgħu kif ġej, l-


Kunsill Lokali tal-Qrendi; 7, Triq il-Knisja, il-Qrendi; Tel: 21680404; E-mail: qrendi.lc@gov.mt;

Accountant, l-Avukat, is-Sur David Schembri, is-Sa Stephania Grixti u d-Deputat Segretarju Ezekuttiv bħala Segretarju tal-Evaluation Boards.

Is-Sindku, is-Sur David Michael Schembri ta aktar dettalji dwar id-*Developement Fund* tal-Awtorità tal-Ippjanar u kif ser napplikaw biex nottjenu fondi għall-pavimentar tal-isqaqien permezz tal-*endorsement* tal-President tar-Reġjun Punent, is-Sur Sandro Azzopardi li kien prezenti u li wara l-laqgħa ukoll elabora dwar dan biex il-Kunsill ikun jista jibbenefika minn 100% tal-finanzjament. Development Fund tal-Awtorità tal-Ippjanar

Is-Sindku, is-Sur David Michael Schembri semma' l-ħtieġa illi l-Ġnien tal-Kmand ikun devolut lill-Kunsill biex imbagħad naraw li nassiguraw li jkun hemm l-ilqugħ mal-funtana, mal-ġiebja u li jseħħ ir-restawr tiegħu qabel ma jibda' jkun jista' jinfetaħ għall-pubbliku. Hu fakkar illi fl-antik meta kien qed ikun miftuħ, dan kien dejjem bl-*attendant* miegħu li kien imħallas mil-Gvern Ċentrali. Ġnien tal-Kmand

Is-Sa Anthea Sacco, il-Viċi Sindku tkellmet fuq id-diffikultajiet li hemm bi proposti ta' bini b'għoli eċċessiv fl-inħawi tal-Iskola u wkoll dwar il-protesta li se ssir fiz-Zurrieq nhar il-Ħadd, 7 ta' Lulju dwar ir-Revizjoni tal-Pjani Lokali. Intant is-Sindku, is-Sur David Schembri qal illi m'hemmx bazi dwar xhiex noġġezzjonaw ġaladarba kien anke konfermat mil-periti illi dan l-izvilupp propost fil-Qrendi jidħol kexxun fil-*local plans.* Bini b'għoli eċċessiv

01.03 **Appuntament għal-laqgħa li jmiss** Aġġornament

Kien hemm qbil biex il-laqgħa li jmiss tinzamm nhar it-18 ta' Lulju 2024 fil-5.30pm, fil-waqt li din intemmet fis-7:50pm billi inqasam kejk tal-okkazjoni ġentilment mogħti minn Eurocaterers li ta' dan il-ġest il-kunsill irringrazzjah.

Magħmula minn Anthony Bonello u ffirmat llum 18.7.24 minn David Michael Schembri

Deputat Segretarju Ezekuttiv Sindku

** Wara l-laqgħa, l-President tar-Reġjun, is-Sur Sandro Azzopardi tkellem dwar il-kollaborazzjoni bejn ir-Reġjun Punent u l-Kunsill Lokali tal-Qrendi u fakkar dwar l-applikazzjoni konġunta tal-*Clean Up* (tad-Dipartiment Gvern Lokali) li se sseħħ f'Settembru 2024 fl-inħawi tal-Qrendi.